**Laqgha Numru 26/K6/2011**

**Introduzzjoni**

Is-Sitta u Ghoxrin Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar l-Erbgha 26 ta' Ottubru 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Lauro Fava kienu skuzati. **(Ara dok. A u P)**

Ghal xi hin kien hemm il-prezenza tal-pubbliku kif wkoll, fuq talba tal-Kunsill, l-accountant tal-Kunsill Ms. Romina Perici Ferrante.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fid-19 ta' Ottubru 2011. L-Agenda kienet:

- **01. Approvazzjoni tal-Minuti 25/K6/2011.**
- **02. Punti li johorgu mill-Minuti 25/K6/2011.**
- **03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
- **04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
- **05. Mistoqsijiet.**
- **06. Korrispondenza.**
- **07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
- **08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
- **09. Rapport Finanzjarju Qrt 3 – Lulju sa Settembru 2011.**
- **10. Decizjoni dwar Tenders 05 sa 11/2011 u kwotazzjonijiet 26 sa 31/2011.**
- **11. Rizoluzzjoni specjali 03/2011 – Progett ENVOY.**
- **12. Approvazzjoni tal-kontijiet.**
- **13. Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 25/K6/2011.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 25/K6/2011 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 25/K6/2011.

2.01. B'riferenza ghall-**Minuti 25/K6/2011 item 14.56** u ghall-korrispondenza numru **46/5558/11/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona biex il-Kunsill jaghmel leaflet lir-residenti b'dan it-tibdil izda ghandu jsir wara l-laqgha li ser issir mat-TM biex tigi konkluza r-rotta minn Pembroke ghall-Belt, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fil-laqgha li l-Kunsill kellu ma' TM, il-Kunsill gie nfurmat li r-rotta l-gdida li qed jipproponu kienet ser taqsam minn nofs il-lokal billi tghaddi minn quddiem il-Kunsill u tinzel ghal Triq il-Fortizza. Il-kelliem qal li fl-istess laqgha l-Kunsill iddikjara li dan mhux accettabbli ghall-Kunsill u nsistew biex ir-rotta l-gdida tkun bhal ma' kienet is-66. Ghalhekk il-kelliem qal li la darba l-Kunsill ikollu konferma minghand TM dwar it-talba tal-Kunsill, jintbghat leaflet fid-djar. Il-kelliem qal li jekk it-TM ma tilqax it-talba tal-Kunsill, il-Kunsill xorta wahda ghandu jinforma lir-residenti b'dak l'insista fuqu l-Kunsill u b'dak li tkun approvat TM.

**46/5702/11/I** 03/10/2011 Email minghand l-MRRA jinfurmaw lill-Kunsill li l-picnic tables li nqalghu minn Pembroke mhux finanzjarjament vijabbli li jissewwew.

2.02. B'riferenza ghall-**Minuti 25/K6/2011 item 14.78** u ghall-korrispondenza numru **46/5702/11/I** fejn il-Kunsillier Joe Brincat offra li jaghmel spezzjoni ta' dawn l-imwejjed u jitkellem mal-persuna li jaf huwa u wara kellu jinforma lura lill-Kunsill, il-Kunsillier Joe Brincat qal li l-imwejjed apparentament jinsabu ghand it-Taqsima Xoghlijiet f'Pembroke u gie nfurmat li l-imwejjed m'humiex fi stat li jissewwew. Il-kelliem qal li xorta wahda ser jaghmel spezzjoni taghhom.

2.03. B'riferenza ghall-**Minuti 25/K6/2011 item 18.08** fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ghamlet riferenza ghall-progett ta' l-EU propost minn Roccalumera, ENVOY, fejn il-Kunsill kien approva li l-Kunsill ghandu jippartecipa f'dan il-progett inkluz li jinnomina lilha biex tkun hi, li tiehu hsieb il-ko-ordinament u dak kollu li ser ikollu x'jaqsam ma' dan il-progett inkluz li tkun hi li taghzel lil min ser jippartecipa, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill l'aktar tard kien ser iressaq rizoluzzjoni specjali biex mal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat jattendi ukoll is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kif ukoll biex il-Kunsill jaghti lit-tnejn li huma s-subsistence allowance dovuta.

2.04. B'riferenza ghall-**Minuti 25/K6/2011 item 18.11** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li ghal zmien il-Milied il-Kunsill ilaqqa' lill-Anzjani fis-sala tal-Knisja u tigi organizzata tombla kif ukoll li ghal din l-attivita' l-Kunsill ghandu jitlob sponsor minghand il-lukandi tal-madwar ghal xi ikel, is-Segretarju Eekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill meta hemm il-hsieb l'issir din l-attivita'.

2.05. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-attivita' ghandha ssir nhar it-Tnejn 12 ta' Dicembru 2011 wara l-Quddiesa tas-6.00pm. u li l-attivita' ssir fis-sala tal-Knisja.

2.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.08. B'riferenza ghall-**Minuti 25/K6/2011 item 18.17** fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li ghal zmien il-Milied il-Kunsill jorganizza zjara biex jaraw id-diversi presepji li jkun hawn f'Malta kif ukoll attivita' tal-Milied ghat-tfal, is-Sindku Joe Zammit fakkar lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat flimkien mal-Vici

Sindku kellhom jaraw meta l-ahjar gurnata biex issir din l-attivita’ u jinfurmaw lis-Segretarju Ezekuttiv halli tinhareg ic-cirkulari.

2.09. Is-Segretarju Eekuttiv Kevin Borg staqsa jekk kienx hemm x’indikazzjoni ta’ data.

2.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li din ghad trid tigi deciza aktar tard.

2.11. B’riferenza ghall-**Minuti 25/K6/2011 item 18.20** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li fi zmien il-Milied il-Kunsill jorganizza reception ghall-membri tal-Kunsill, is-Sindku Joe Zammit ippropona biex jinxtara l-ikel u x-xorb li hemm bzonn u l-Kunsilliera bejniethom ghandhom jaghmlu huma s-sandwiches, apetajzers u ikel iehor ghal din l-okkazjoni.

2.12. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.14. B’riferenza ghall-**Minuti 25/K6/2011 item 18.30** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien qal li l-Kunsill ghandu jgedded talbiet simili li kienu saru minn residenti ohra fil-lokal, is-Sindku Joe Zammit ippropona li wara li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jigbor l-informazzjoni ta’ dawk ir-residenti kollha li matul iz-zmien talbu koncessjoni minghand il-Kunsill, dawn ghandhom jigu nfurmata li ghandhom jerghu japplikaw kull sena biex tiggeddidilhom it-talba taghhom ghall-permess t’uzu ta’ l-art minghajr ebda pretenzjoni, kif ukoll li ghandha ssir pjanta dettaljata tas-sit bil-qisien fuqha. Il-kelliem ippropona li dawk interessata ghandhom jigu nfurmata li fin-nuqqas li jaghmlu t-talba dan ser ikun ifisser li m’ghadx ghandhom interess u ghalhekk il-koncessjoni minghajr pretenzjoni tigi nulla. Il-kelliem offra li huwa jimmarka l-pjanti ndikata.

2.15. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03. Tqeghied ta’ dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 74/2011** b’rapport tal-laqgha li saret mas-sur Philip Galea ta’ Bay Street **(Ara dok B); Internal Memo 75/2011** b’rapport tal-laqgha li saret ma’ TM dwar ir-rotta tat-Trasport Pubbliku **(Ara dok C); Internal Memo 76/2011** b’rapport tal-laqgha li saret ma’ AAA **(Ara dok D); Internal Memo 77/2011** b’rapport tal-laqgha li saret ma’ Victim Support Group **(Ara dok E); Internal Memo 78/2011** b’rapport tal-ftuħ ta' Tender 05 sa 11/2011 u Kwotazzjonijiet 26 sa 31/2011 **(Ara dok F); Internal Memo 79/2011** b’rapport tal-laqgha li saret mad-Direttur tad-DLG **(Ara dok G); Internal Memo 80/2011** b’rapport tal-laqgha li saret ma’ Ms. Natalie Camilleri dwar iz-Zumba **(Ara dok H); Internal Memo 81/2011** b’rapport t’azzjonijiet mehuda bejn laqgha 25/K6/2011 u 26/K6/2011 **(Ara dok I); Internal Memo 82/2011** b’rapport tal-laqghat li saru bejn il-laqgha 25/K6/2011 u 26/K6/2011 **(Ara dok J) u Flyers** dwar l-attivita’ li ser issir b’Risq il-Community Chest Fund **(Ara dok K)**, Camping ghaz-Zghazagh **(Ara dok L)** u Kampanja Greenpak dwar riciklagg **(Ara dok M).**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 3.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn il-5 u s-26 ta’ Ottubru 2011 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/5808/11/I** 06/10/2011 Ittra minghand il-Koptasin fejn informa lill-Kunsill li jaccetta li jgedded il-kuntratt 5/2008 sa l-ahhar ta' Dicembru 2011.

**46/5872/11/I** 08/10/2011 E-mail minghand J&K Contractors fejn informaw lill-Kunsill li jaccettaw li jgeddu l-kuntratt riferenza 02/2008 sa l-ahhar tas-sena 2011 u nformaw lill-Kunsill li l-garanzija trid tigi mgedda wara li tiskadi fil-31 ta' Novembru 2011.

**46/5960/11/I** 12/10/2011 Ittra minghand is-sur Shawn Farrugia fejn informa lill-Kunsill li jaccetta li jgedded l-kuntratt riferenza 06/2008 sa l-ahhar tas-sena 2011.

**46/5961/11/I** 12/10/2011 Ittra minghand is-sur Shawn Farrugia fejn informa lill-Kunsill li jaccetta li jgedded l-kuntratt riferenza 04/2008 sa l-ahhar tas-sena 2011.

6.02. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5808/11/I, 46/5872/11/I, 46/5960/11/I u 46/5961/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5815/11/I** 06/10/2011 E-mail minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn b'riferenza ghall-works order 89/2011 (stima ta’ bejn wiehed u iehor sabiex jinbena parkegg biswit il-bini ta’ l-iskola Primarja) talab biex l-ewwel issir laqgha mal-MEPA sabiex jigu evitati spejjez zejda.

6.03. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5815/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jaghmel din il-laqgha kif issugerit mill-Perit.

6.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5818/11/I** 06/10/2011 E-mail minghand il-Victim Support Malta fejn talbu l’issir laqgha mal-Kunsill u mar-residenti li huma nteressata jkunu jafu dwar l-irwol ta' l-ghaqda u l-ghajnuna li joffru lill-vittmi kriminali, vittmi li soffrew vjolenza domestika, sexual harassment ecc u talbu sabiex il-Kunsill jghinhom itellghu dawn il-laqghat mal-pubbliku ngenerali.

6.06. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5818/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex issir din il-laqgha mal-pubbliku ta’ Pemboke kif issugerit mill-Ghaqda fis-sala tal-Knisja nhar 15 ta’ Novembru 2011 fis-sala tal-Knisja fejn wara jkun provdut te u kafe’ u xi sandwiches li ser isiru mill-Kunsill.

6.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5821/11/I** E-mail minghand Pembroke Athleta fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-

06/10/2011 Kunsill dwar l-uzu tal-facilitajiet taghhom mill-klabb tar-rugby informaw lill-Kunsill li qed jiccekjaw jekk issirx hsara lis-synthetic grass u ghandu jaghmel komunikat mal-Kunsill.

6.09. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5821/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5860/11/I** 07/10/2011 E-mail minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn baghtet kopja ta' l-ittra li rceviet minn Roccalumera fejn b'riferena ghall-progett ENVOY informaw lill-Kunsill li l-ewwel attivita' ser issir bejn l-4 u 8 ta' Novembru 2011 gewwa l-Italja u stiednu lis-Sindku u delegazzjoni ta' 8 persuni.

6.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5860/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5873/11/I** 08/10/2011 E-mail minghand is-sur Stefan Engelbert fejn informa lill-Kunsill li ghandhom problema fi Triq Gio Felice Inglott minhabba li xi gara qed titma klieb abbandunati u qed jistaqsi jekk din il-persuna tistax titma l-klieb.

6.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5873/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jiehu parir legali ta' kif ghandu jimxi l-Kunsill ma problemi bhal dawn billi nsaqsu lill-Pulizija u eventwalment titqassam cirkulari dwar dan.

6.12. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5875/11/I** 08/10/2011 E-mail minghand Ms. Hanane Tahri fejn talbet biex taghmel work placement mal-Kunsill bejn il-21 ta' Novembru u s-16 ta' Dicembru 2011.

6.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5875/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex jekk is-Segretarju jahseb li hemm bzonn naccettaw din il-proposta.

6.15. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li dawn l-istudenti li ser ikunu qed jaghmlu work phase mal-Kunsill ghandhom jintalbu jilbsu qmis ta' lewn ahmar u dublett jew qalziet iswed u dan biex ikunu simili ta' l-iskrivani tal-Kunsill.

6.16. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li jkun ghaqli li f'dan iz-zmien tas-sena jkun hemm ftit ghajnuna u ghalhekk iva l-Kunsill ghandu japprova din it-talba.

6.17. Il-Kunsill qabel unanimament fuq il-proposta.

**46/5919/11/I** 10/10/2011 Kopja tar-rapport u l-financial Statements tas-sena li ghalqet 31 ta' Dicembru 2009 minghand il-Kumitat Kongunt Lvant.

6.18. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5919/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5924/11/I** 10/10/2011 E-mail minghand Ms. Dorianne Ciappara fejn informat lill-Kunsill li hi persuna bi bzonnijiet specjali li toqghod Blk 12B, Flt 6, Triq Pietro Rossell u talbet biex fid-drive inn tal-garaxxijiet issir rampa peress li hemm targa gholja u jkun difficli ghalija biex tinzel u titla l-karozza.

6.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5924/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill b'sens socjali u b'ghajnuna lejn persuni bi bzonnijiet specjali issir it-talba tas-sinjura lill-Awtorita' tad-Djar.

6.20. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5930/11/I** 10/10/2011 — E-mail minghand Dr. Stefano Garozzo fejn baghat Youth in Action preliminary agreement biex jigi ffirmat mill-Kunsill u nergghu nibghatu z-zewg dokumenti ffirmati. Informa l-Kunsill li kien tkellem mal-Kunsillier Lauro Fava ghax dan program rigward Zghazagh.

**46/6201/11/I** 20/10/2011 — E-mail minghand ic-Centru Alcide de Gasperi s-Sur Ivan Vassallo fejn informa l-Kunsill li huwa gie kkuntatjat mill-Associazone GEM bil-possibilita' li jsir youth exchange u tkellem dwar din il-proposta mal-Kunsillier Lauro Fava fejn staqsih jekk il-Kunsill hux interessat li jippartecipa f'din l-inizjattiva.

6.22. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5930/11/I u 46/6201/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5944/11/I** 11/10/2011 — E-mail minghand id-Direttur ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-Memo 44/2011 - Skema ta' Ghajnuna Finanzjarja ghall-korsijiet Lifelong Learning informa lill-Kunsill li fil-lokal ser issir il-klassi tal-Ingliz.

**46/6114/11/I** 18/10/2011 — E-mail minghand l-ghalliema ta’ l-Ingliz, Ms. Maria Mifsud fejn informat lill-Kunsill li l-lezzjonijiet ta' l-ingliz ser isiru kull nhar ta' Erbgha bejn l-4.30pm u s-7.30pm u talbet biex jibdew juzaw il-kcina halli jkunu jistghu jaghmlu xi te u kafe'.

6.23. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5944/11/I u 46/6114/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex kull nhar t’Erbgha meta jkun hemm il-laqgha tal-Kunsill, il-lezzjoni isiru fir-reception tal-Kunsill inkluz li jinghataw il-permess li juzaw il-kcina.

6.24. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5945/11/I** 11/10/2011 — E-mail minghand J.S. Productions fejn talbu permess tal-Kunsill biex joperaw cirklu bl-isem Circo Darix fl-Ex Parade Ground bejn is-Sibt 12 ta' Novembru sat-Tlieta 13 ta' Dicembru 2011.

6.26. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5945/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li minabba li mit-Tnejn 24 ta’ Ottubru beda jintuża l-Park & Ride, din it-talba ma tistax tigi milqugha.

6.27. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5946/11/I** 11/10/2011 — Kopji ta’ pjanti ghall-kostruzzjoni, u twessiegh ta' Salina Coast Road minghand is-sur Steven Vella.

**46/5980/11/I** 12/10/2011 — E-mail minghand is-sur Steven Vella fejn baghat lista t'informazzjoni li ghandu bzonn ghas-Social Impact Assessment.

**46/6008/11/I** 13/10/2011 — E-mail minghand is-sur Steven Vella fejn baghat numru ta' pjanti sabiex jigu kkuntatjati persuni ghar-ricerka fuq is-social impact assessment.

**46/6059/11/I** 17/10/2011 — E-mail minghand Ms. Kathryn Lichti Harriman (Steven Vella) fejn baghtet nota qasira bil-malti u bl-ingliz dwar is-Social Impact Assessment li l-Kunsill jista’ juza ghal fuq xi flyer sabiex ninfurmaw lin-nies bl-istudju.

**46/6292/11/I** 25/10/2011 — Email minghand is-sur Vella jinforma lill-Kunsill li kull rispons minghand il-pubbliku ghandu jasal ghandhom sa qabel l-4 ta’ Novembru 2011.

6.29. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5946/11/I, 46/5980/11/I, 46/6008/11/I, 46/6059/11/I u 46/6292/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill permezz ta’ cirkulari jinforma lir-residenti b’dan il-progett ta’ l-upgrade tat-triq tal-kosta li minn San Pawl tasal sa hdejn ic-Cimiterju tal-Commonwealth u biex min irid jitkellem fuq bazi personali fuq xi proposti jikkomunika mas-sinjuri msemmija sa qabel l-4 ta’ Novembru 2001.

6.30. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5947/11/I** 11/10/2011 Kopja ta’ pjanta tal-hrug tal-garaxxijiet ta' Sit D minghand Ms. Lisa Attard li toqghod fi Triq Salvatore Castaldi.

6.32. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5947/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5948/11/I** 11/10/2011 E-mail minghand il-BMX Association fejn baghtu stedina ghall-weekend t'attivitajiet li se jsiru bejn il-11 u t-13 ta' Novembru u talbu laqgha mal-Kunsill.

6.33. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5948/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jiltaqa’ mad-dirigenti tal-BMX.

6.34. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5966/11/I** 12/10/2011 E-mail minghand is-sur Joe Camilleri mill-Ministeru tar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali fejn baghat ritratt ta' l-iskips mimlija minhabba li kull nhar ta' Tlieta ma jingabrux u talab biex jibdew jitbattlu.

6.36. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5966/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li jekk il-Kunsill ghandux izid nhar ta’ Tlieta ukoll fil-gbir tal-borza s-sewda apparti li jingabar il-borza tas-separazzjoni, ghandha tigi diskussa meta jigi diskuss il-budget tas-sena d-diehla, dejjem jekk jippermettu l-fondi li jkun hemm spiza zejda ta’ 52 jum bir-rata li ghandu l-Kunsill. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali San Giljan ghadu kif hareg avviz li ser jitnehhew l-iskips minhabba d-dizastru li kien qed ikun hemm. Il-kelliem qal li l-istess sar mill-Kunsill Lokali San Gwann xhur ilu. (46/6317/11/I)

6.37. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka wkoll li l-kuntrattur Philip Seguna nhar it-Tnejn 24 ta’ Ottubru 2011 rega’ sab skip ohra mahruqa, din id-darba fi Triq il-Profs Walter Ganado.

6.38. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li hija qatt m’hija ser taqbel li jitnehhew l-iskips fil-lokal minhabba li l-problema tista’ tikber u mhux tissolva.

6.39. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa qed janticipa li l-ammont ta’ skart ser jizdied.

6.40. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li jekk jizdied l-iskart ikun ifisser spiza aktar ghall-Kunsill Lokali Pembroke bhala tipping fees, spiza li l-Kunsill diga mhux qed ilahhaq maghha.

6.41. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tigi sospiza l-agenda u tigi diskussa item 9 fil-prezenza ta’ l-Accountant Romina Perici Ferrante.

6.42. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Rapport Finanzjarju Qrt 3 – Lulju sa Settembru 2011.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta lill-Kunsill ir-rapport finanzjarju ghall-perjodu Lulju – Settembru 2011. **(Ara dok N)** Il-kelliem stieden lill-Accountant Romina Perici Ferrante biex tispjega r-rapport lill-Kunsill.

9.02. Wara xi mistoqsijiet, is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tar-rapport kif ipprezentat.

9.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

9.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.05. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li dwar il-kaz ta' Ell's Urban Services fejn hemm ammont ta' €7,000 dwar il-patching li kien sar madwar il-Kunsill u li l-hlas ghadu pendenti, ghandha ssir laqgha mal-Perit tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni.

9.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.08. Ms. Romina Perici Ferrante rringrazzjat lill-Kunsill, skuzat ruhha u halliet il-laqgha.

## 06. Korrispondenza.

**46/5978/11/I** 12/10/2011 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghal Memo 97/2011 baghtet il-prospectus u s-sejha ghall-applikazzjonijiet dwar tahrig specjalizzat li jaghlqu nhar l-Erbgha 26 ta' Ottubru 2011.

6.44. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5978/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li kemm huwa kif ukoll is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kienu ser jattendu ghal numru ta' korsijiet.

**46/5991/11/I** 13/10/2011 E-mail minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn b'riferenza ghall-works order 100 (sabiex is-sit li hemm bejn Triq Falaise u Triq Sir Luigi Preziosi jinbidel f'parkegg ghall-karozzi) talab konferma fuq liema bicca art qed jitkellem il-Kunsill.

6.45. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5991/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ladarba l-MEPA infurmaw lill-Kunsill li s-sigar li hemm ma jistghux jinqalghu, ikun ghaqli li l-Kunsill jitlob il-parir tal-Perit dwar x'jista' jsir halli ma jintefqux flejjes zejda u bla bzonn.

6.46. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.47. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5993/11/I** 13/10/2011 E-mail minghand WasteServ fejn b'riferenza ghall-European week for waste reduction informaw lill-Kunsill li jistghu jorganizzaw kull tip t'attivita' u li fil-website taghhom hemm xi ideat.

6.48. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5993/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dak li talab il-Kunsill jinsab fuq is-sit ta' WasteServ fejn hemm xi ideat vagi u ghalhekk jekk hemm min mill-Kunsilliera li ghandu ideat ghandu jghaddihom lis-Segretarju Ezekuttiv ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**46/5997/11/I** Memo 103/2011 - Konferenza Building together sustainable localities

13/10/2011 organizzata bejn il-MEUSAC u d-Dipartiment li ser issir il-Hadd 27 u it-Tnejn 28 ta’ Novembru 2011.

**46/6224/11/I** 21/10/2011 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-Memo 103/11 dwar l-konferenza ‘Building Together Sustainable Localities’ li ser issir fis-27 u t-28 ta' Novembru talab l-impenn tal-Kunsill biex isir kull sforz halli jkun hemm il-partecipazzjoni kemm lokali kif ukoll tal-bliet gemellati kif ukoll jekk huwiex interessat li jkun parti minn tim zghir ta’ implimentazzjoni għal din il-Konferenza.

6.49. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5997/11/I u 46/6224/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li Pembroke ghandu jippartecipa billi jkun parti minn dan it-tim t’implimentazzjoni ghal din il-Konferenza.

6.50. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet l’importanti li l-Kunsill ikollu aktar informazzjoni u x’jinvolvi.

6.51. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5999/11/I** 13/10/2011 E-mail minghand l-Iskola Primarja ta’ Pembroke fejn talbu lill-Kunsill sabiex jipprovdi skip sabiex jinzabru s-sigar ta' l-Eucalyptus li huma mhawwla barra mill-iskola.

6.52. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5999/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex issir spezzjoni tas-sit halli jekk dawn huma fil-konfini tat-tender tal-kuntrattur Shawn Farrugia,  allura dan ghandu jigi nfurmat biex dan ix-xoghol isir. Il-kelliem ippropona wkoll li jekk ix-xoghol huwa fl-iskola, l-Kunsill ghandu jipprovdilhom open skip.

6.53. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.54. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6004/11/I** 13/10/2011 E-mail minghand is-sur Konrad Farrugia fejn informa lill-Kunsill bil-hajt imkisser li hemm wara l-basketball court minhabba li persuna b'pushchair jew b'wheelchair ma tistax tghaddi.

6.55. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6004/11/I** is-Sindku Joe Zammit talab biex il-hsara li hemm ghandha tigi rrangata. Il-kelliem qal li huwa jhoss li affarijiet bhal dawn ma hemmx ghalfejn li l-Kunsill jistenna sal-laqgha tal-Kunsill kull 3 gimghat jew aktar biex tigi rrangata l-hsara l’issir fil-lokalita’. Il-kelliem qal li meta jidhol rapport simili s-Segretarju Ezekuttiv ghandu jivverifikah u jekk ikun hemm bzonn jittiehdu ritratti wara li jikkomunika mas-Sindku jew ma’ xi Kunsillier iehor u tinhareg works order ghal din it-tiswija.

6.56. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li hija mhux komda li tghid iva biex jigi ordnat xoghol qabel ikun approvat mill-Kunsill, sakemm ma jkunx hemm xi periklu kbir, u dan minhabba li fil-passat saru diversi abbuzi.

6.57. Is-Segretarju Eekuttiv Kevin Borg informa lis-Sindku li meta jkun hemm kazijiet urgenti dejjem hekk sar. Il-kelliem qal li f’dan il-kaz partikulari tnehha l-periklu u issa sta ghall-Kunsill li japprova li jsir ix-xoghol. Il-kelliem fakkar lill-Kunsill li meta fil-passat kienet giet adottata policy simili, kien hemm pressjonijiet, fejn xoghol beda jigi ordnat qabel ikun approvat mill-Kunsill u ghalhekk kien il-Kunsill stess li rrevoka d-decizjoni li kien hemm precedenti.

**46/6009/11/I** 13/10/2011 E-mail minghand l-ETC fejn b'riferenza ghall-iskema ta' xoghol fil-komunita'

nfurmaw lill-Kunsill li geddew sitt xhur ohra lis-Sur Christopher Costa.

6.58. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6009/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.59. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrakkomandat li l-Kunsill ghandu jivverifika ma' l-ETC jekk il-persuna koncernata tistax taghmel aktar hin mal-Kunsill u jigi kkumpensat finanzjarjament mill-Kunsill.

**46/6023/11/I** 14/10/2011 E-mail minghand Ms. Krista Farrugia fejn talbet il-permess tal-Kunsill biex torganizza Birthday Party fil-picnic area nhar is-Sibt 5 ta' Novembru 2011 bejn it-3.00pm u s-6.00pm.

6.60. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6032/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jaghti permess jekk kemm il-darba l-post jinzamm nadif u ma jsirx BBQ.

6.61. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.62. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6031/11/O** 14/10/2011 Email li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg baghat lis-Sindku Joe Zammit jissuggerixxi li jkun ghaqli li l-Kunsill jistabilixxi policy dwar kif ser ikunu evalwata l-offerti waqt l-aggudikar taghhom.

6.63. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6031/11/O** is-Sindku Joe Zammit fetah diskussjoni rigward dan il-punt. Fid-diskussjoni kien hemm qbiel fuq percentaggi u ghalhekk il-kelliem ippropona biex il-Kunsill jadotta policy biex l-offerti ghandhom jigu aggudikata 40% fuq il-prezz (bhal ma' kien fil-kaz ta' l-offerta ta' l-iskart), 30% fuq l-esperjenza ta' xoghol, 10% fuq in-numru ta' haddiema li ser jintuzaw, 10% fuq il-makkinarju li ser jintuza u 10% fuq defaults li l-kuntrattur seta kellu f'Kunsilli ohra. Il-kelliem ippropona ukoll li l-kuntratturi jigu nfurmata b'dan minn qabel jinfethu t-tenders.

6.64. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.65. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6057/11/I** 17/10/2011 E-mail minghand il-Verdala International School fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar zebra crossing fi Triq Cassino talbu ninfurmawhom bl-ispiza tax-xoghol u ninfurmawhom bil-hlas li ser ihallas il-Kunsill u l-ispejjez li jridu jhallsu Verdala.

6.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6057/11/I** is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex kif approva l-Kunsill fl-ahhar laqgha, jibghat kemm se jkunu l-ispejjez tal-parti tal-Verdala School ladarba l-Kunsill ikollu l-informazzjoni kollha necessarja.

6.67. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li mill-ewwel indikazzjonijiet dwar l-offerti li ghalqu nhar l-Erbgha 19 ta' Ottubru, jista' jaghti l-kaz li hadd ma tefa' xi offerta.

6.68. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jekk jirrizulta li hadd ma jkun ikkwota ghall-provvista ta' Belishia Beacons, il-Kunsill ghandu jitlob l-ghajnuna ta' TM dwar minghand min huma jixtru dan il-prodott.

6.69. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.70. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6062/11/I** 17/10/2011 E-mail minghand is-sur Gowdin Said fejn baghat zewg ilmenti: dwar il-hajt tal-bricks li bnew tal-MUSEUM fejn informa lill-Kunsill li huwa perikoluz u qed jostakola l-vista tas-sewwieqa u ssugerixxa biex issir mera u talab biex isiru parking bays u yellow lines fi Triq Patri Indri Vella naha ta' centre strip.

**46/6153/11/O** 19/10/2011 E-mail li l-Kunsill baghat lill-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali fejn b'riferenza ghall-hajt ta' Triq Cassino nfurmajnihom l'illum saret spezzjoni fuq il-post fil-prezenza tal-kuntrattur u tas-sur David Aquilina, fejn il-kuntrattur wieghed li fi zmien gimgha ser inehhi l-inkonvenjent u l-periklu li hemm fil-kantuniera.

6.71. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6062/11/I u 46/6153/11/O** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jara x'marki tat-traffiku hemm bzonn isiru u jsiru mill-haddiem ta' l-ETC wara li jitlesta x-xoghol li qed isir bhalissa.

6.72. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.73. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.74. Dwar il-hajt, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jinforma lill-MEPA li bl-izvilupp approvat qed jinholoq periklu u l-Kunsill qed jitlob l-intervent tal-MEPA biex dan jigi rrangat minhabba li bil-linja tal-bini jidher li ser tinholoq blind corner. Dwar in-nuqqas ta' koperazzjoni mill-kuntrattur, il-kelliema pproponiet li l-Kunsill ghandu jaghmel rapport lill-MRRA kif ukoll li tintalab laqgha mad-dirigenti tal-MUSEUM biex il-parti tal-parapett ikun baxx kemm jista' jkun u jekk huwa possibbli jigi rtirat il-gewwa.

6.75. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.76. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6077/11/I** 17/10/2011 E-mail minghand l-AKL fejn informaw lill-Kunsill bil-laqgha ghall-Kunsilliera ta' Malta u Ghawdex kollha li ser issir nhar is-Sibt 19 ta' Novembru 2011 gewwa l-lukanda Le Meridien & Spa San Giljan li tibda 8.45pm bi hlas ta' €50 kull persuna.

6.77. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6077/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-membri tal-Kunsill jattendu ghal din il-konferenza.

6.78. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.79. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6082/11/I** 17/10/2011 E-mail minghand l-AirMalta fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar ic-caqlieq tal-funtana nforma lill-Kunsill li bhalissa l-kumpanija ghaddejja bi programm ta' ristrutturar u ssugerixxa lill-Kunsill li jerga' jibghat t-talba s-sena d-diehla.

6.80. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6082/11/I** is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jiehu nota.

**46/6087/11/I** 17/10/2011 Stedina minghand il-Covenant of Mayors biex jippartecipa fic-cerimonja tal-Covenant of Mayors gewwa l-Parlament Ewropej fi Brussles li ser issir fid-29 ta' Novembru 2011.

**46/6101/11/I** 18/10/2011 Email mis-Sindku Joe Zammit biex nitolbu nformazzjoni lill-AKL rigward din ic-cerimonja.

**46/6278/11/I** Risposta minghand l-AKL jinfurmaw lill-Kunsill li peress li l-Kunsill kien diga

25/10/2011 attenda ghal din ic-cerimonja, mhux lok li l-Kunsill jerga' jiehu sehem.

6.81. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6087/11/I, 46/6101/11/I u 46/6278/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex jinforma lill-AKL jekk hux ser jorganizzaw din l-inizjattiva minnaha taghhom ghal dawk il-Kunsilli li huma membri fil-Covenant of Mayors.

6.82. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-AKL infurmat lill-Kunsill li Pembroke diga kien attenda ghal din ic-cerimonja u ghalhekk mhux lok li jerga' jiehu sehem.

**46/6089/11/I** 17/10/2011 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu abbozz ta' notifikazzjoni tal-Gvern dwar il-Pjan t'Azzjoni dwar il-bumunqar l-ahmar flimkien ma' background note u talbu l-kummenti tal-Kunsill sa nhar l-Erbgha 26 ta' Ottubru 2011.

6.83. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6089/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex id-Dipartiment jigi nfurmat li kull palma li tinstab marida fil-privat, jekk resident ikun wiret din il-palma fid-dar jew jekk finanzjarjament ma tistax titnehha, din ghandha tinqala' mill-Gvern, izda altrimenti ghandu jkun hemm legislazzjoni biex din tinqala' ghas-spejjez tar-resident; ghandu jkun hemm multi kbar ghal min jonqos li jaghmel dan; li dawk il-Kunsilli li ghandhom palm marid ghandhom jinghataw fondi specjali biex jinqalghu palm marid kif ukoll li ghandhom jizdiedu n-nassi biex jinqabad il-bumunqar.

6.84. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.85. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6134/11/I** 18/10/2011 E-mail minghand is-sur Lawrence Attard mill-FTZ fejn informa lill-Kunsill li b'riferenza ghall-progett MED Strategy irid jigi organizzat workshop u talab biex issir laqgha mal-Kunsill biex tigi ffissata data u hin meta ser isir il-workshop, preferibilment ghall-ahhar ta' Novembru.

**46/6262/11/I** 24/10/2011 E-mail minghand Lisa Bonello tinforma lill-Kunsill li tixtieq tiltaqa' mal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-progett.

6.86. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6134/11/I u 46/6262/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill immedjatament jaghmel dawn il-laqghat kif mitlub mis-sur Attard halli ssir din il-konferenza.

6.87. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.88. Is-Segretarju Eekuttiv Kevin Borg staqsa meta hemm il-hsieb l'issir din il-Konferenza kif ukoll kif il-Kunsill ser jiffinanzja din l-ispiza, spiza li ghad trid tigi kkalkulata.

6.89. Is-Sindku Joe Zammit qal li dawn id-dettalji ghad iridu jigu finalizzata.

6.90. Il-Kunsill qabel unanimament fuq il-proposta tas-Sindku.

**46/6139/11/I** 19/10/2011 E-mail minghand l-AAA Sanctuary fejn talbet l-ghajnuna tal-Kunsill biex itellghu open day ghar-residenti dwar neutering, l-microchipping u kif jahdem is-santwarju ta' AAA u talbet biex il-Kunsill jghin biex jitqassam fuljett fid-djar u staqsiet jekk jistghux isiru xi business cards.

6.91. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6139/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jiehu sehem attiv favur il-hidma volontarja li taghmel din l-ghaqda favur l-annimali specjalment ghall-klieb billi issir open day fil-Kunsill ghar-

residenti ta' Pembroke halli jkun spjegat lir-residenti s-servizzi li joffru dawn il-voluntieri.

6.92. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.93. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.94. Is-Segretarju Eekuttiv Kevin Borg staqsa meta ser issir din l-attivita'.

6.95. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li din l-attivita' ssir nhar il-Hadd 13 ta' Novembru 2011 mid-9.00am il-quddiem fis-sala u l-parkegg tal-Kunsill.

6.96. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.97. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6141/11/I** 19/10/2011 E-mail minghand is-sur Alan Crocker fejn informa lill-Kunsill li nhar il-Hadd 6 ta' Novembru ser jorganizzaw dawra bil-muturi biex jghinu lis-santwarji ta' l-annimali madwar Malta u staqsa jekk jistghux jiltaqghu fl-Ex Parade Ground minhabba l'issa l-post inkera lill-Arriva.

6.98. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6141/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li la darba l-post issa huwa mikri lill-Arriva, il-Kunsill ma jsibx oggezzjoni li huma jitolbu permess minghand l-Arriva jew TM ghall-uzu ta' l-Ex Parade Ground izda jekk dawn ma jinghatawx widen, il-kelliem ippropona li l-Kunsill jissugerixxi li dawn jaghmlu uzu mill-parkegg ta' biswit il-facilitajiet sportivi ta' Pembroke Athleta bhala meeting point.

6.99. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.100. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6143/11/I** 19/10/2011 Rizoluzzjoni specjali proposta mis-Sindku Joe Zammit u ssekondata mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat dwar il-progett Envoy.

6.101. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6143/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6148/11/I** 19/10/2011 E-mail minghand Dr. Philip Agius f'isem it-Touring Club Malta fejn staqsa jekk f'Pembroke hemmx xi art tal-gvern li jista' jsir fiha l-progett ta' drivers centre li qed jipproponi.

6.102. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6148/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-klabb ghandu jigi nfurmat li f'Pembroke m'hawnx propjeta' governattiva fejn jista' jsir dan il-progett li jirrikjedi medda ta' art kbira mhux hazin.

6.103. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.104. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6150/11/O** 19/10/2011 E-mail li l-Kunsill rega' baghat lis-sur Ronald Bezzina fejn il-Kunsill infurmah li ghadu qed jistenna twegiba biex jinghata d-dettalji tal-kont.

6.105. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6150/11/O** is-Sindku Joe Zammit qal li la darba l-kuntrattur ghadu ma baghatx l-informazzjoni kif mitluba mill-Kunsill, allura kif kien approva l-Kunsill, il-kont ghandu jibqa' pendenti.

**46/6163/11/I** 19/10/2011 E-mail minghand Ms. Diane Cassar mill-MIEMA fejn b'riferenza ghall-progett MEDEEA (energija alternattiva) informat lill-Kunsill bil-konferenza li ser issir bejn it-8 u d-9 ta' Novembru 2011 gewwa Heraklion fi Kreta. Partecipanti huma Birgu, Isla, Pembroke, Pieta', Marsaskala, Floriana u

Gharb. Talbet nikkonfermaw jekk il-Kunsill jixtieqx li jippartecipa f'dan il-progett. Se jintghazlu 5` lokalitajiet mis-seba' msemmija u li hemm allokazzjoni ta' €1,000 ghal kull min jintghazel ghall-flights u subsistence allowance.

**46/6219/11/I** 21/10/2011 Email minghand MIEMA fejn b'riferenza ghall-konferenza li ser issir gewwa Heraklion fi Kreta bejn it-8 u 9 ta' Novembru 2011 dwar il-progett MEDEEA informat lill-Kunsill li hemm budget ta' €1,000 ghal kull Kunsill biex jikkaverja flights u subsistence allowance u hemm 7 kunsilli jiehdu sehem u hemm post biss ghal 5 persuni.

6.106. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6163/11/I u 46/6219/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li Pembroke ghandu jikkonferma li lest jiehu sehem f'din il-konferenza jekk jintghazel kif ukoll li l-Kunsill ghandu jkun rapprezentat mis-Sindku.

6.107. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.108. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6184/11/I** 20/10/2011 Kwotazzjoni minghand Omnistat ghall-karti tal-kulur ghall-prezz ta' €6.37 inkluz il-VAT il-pakkett.

**46/6186/11/I** 20/10/2011 Kwotazzjoni minghand Golden Gate ghall-karti tal-kulur ghall-prezz ta' €6.61 inkluz il-VAT il-pakkett.

6.109. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6184/11/I u 46/6186/11/I** is-Sindku Joe Zammit talab il-kummenti tas-Segretarju Eekuttiv Kevin Borg.

6.110. Is-Segretarju Eekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kumpanija **Fortuna Ltd.** kienu waqfu jissupplixxu karta tal-kulur u huwa kien ivverifika jekk il-kumpanija li kellha t-tieni l-irhas prezz, meta l-Kunsill kien gabar il-kwotazzjonijiet, kienetx ghadiex interessata. Fil-fatt dawn ikkonfermaw. Il-kelliem qal l'apparti minn dan xorta wahda kiseb kwotazzjonijiet ohra fuq il-karta biex jivverifika li l-prezz li ser ihallas il-Kunsill huwa l-aktar vantagguz.

6.111. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova li l-karta tal-kulur, sakemm ma jkunx hemm tibdil iehor ghandha tinxtara minghand il-kumpanija **Office Point** ghall-prezz kif kien kwotat ta' **€5.02**.

6.112. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.113. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6189/11/I** 20/10/2011 Email minghand is-Sur Joseph Bonello li huwa l-Kap Amministrattiv ta' l-ITS fejn talab biex tigi rrangata t-triq li taghti ghall-ITS fi Triq Martin Luther King minhabba li hija fi stat dizastruz.

**46/6197/11/I** 20/10/2011 Email minghand is-Sur Joseph Casingena mill-iskola ITS fejn b'riferenza ghall-email li baghat is-Sur Joseph Bonello talab biex Triq Martin Luther King tkun ikkunsidrata fil-lista ta' prijoritajiet minhabba li hija dizastru.

**46/6223/11/I** 21/10/2011 Email minghand is-Sur Joseph Casingena mill-iskola ITS fejn b'riferenza ghall-email li baghat qabel skuza ruhu ta' statement li ghamel izda kiteb hekk minhabba li kien irrabjat ghax kisser suspension tal-karozza huwa u sejjer l-iskola ta' l-ITS fi Triq Martin Luther King.

6.114. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6189/11/I, 46/6197/11/I u 46/6223/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jaghmel spezzjoni mal-Perit biex

flimkien jaraw x'hemm bzonn isir ezatt. Il-kelliem qal li wara kollox hija delega tal-Kunsill li jiehu hsieb it-tiswija tat-toroq.

6.115. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.116. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6229/11/I** 21/10/2011 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu reminder ghall-applikazzjoni u linji ta' gwida ghall-Premjijiet Ewropej ghall-Intrapriza.

6.117. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6229/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6242/11/I** 24/10/2011 Ittra minghand id-Direttur tad-DLG jinforma lill-Kunsill li peress li s-Sindku kien infurmah li b'riferenza ghat-twegiba ta' PQ 26248 il-Kunsill kien ser iwaqqaf l-applikazzjoni tal-gemellagg ma' Anning, id-Dipartiment ma kompliex bl-iprocessar.

6.118. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6242/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob konferma minghand id-DLG jekk it-talba tal-Kunsill ghall-Gemellagg ma' Anning fic-Cina hijiex ser tigi approvata jew le halli l-Kunsill ikun jista' jfittex relazzjonijiet ohra ma' pajjizi ewropej.

6.119. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.120. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6256/11/I** 24/10/2011 Kopja t'artiklu li gie ppubblikat fuq il-Mument fejn l-artikolista jghid li fil-Kunsill Lokali Pembroke hemm problemi fit-tmexxija politika tal-Kunsill.

6.121. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6256/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6258/11/I** 24/10/2011 Email minghand id-DLG jinforma lill-Kunsill li huma l-Kumitati Regjonali li finalment jiddeterminaw u jiddeciedu l-operat kollu tal-Gwardjani Lokali inkluz it-tfassil tar-rotot.

6.122. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6258/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6279/11/I** 25/10/2011 Email minghand Ms. Natalie Camilleri tinforma lill-Kunsill li qed toffri s-servizzi taghha biex torganizza lezzjonijiet taz-Zumba ghall-prezz ta' €25.00 ghal kull lezzjoni ta' siegha bil-lezzjonijiet jistghu isiru nhar ta' Hamis fid-9.15am u nhar ta' Tlieta fis-6.30pm.

6.123. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6279/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill japprova li jsiru dawn il-korsijiet minn Ms. Natalie Camilleri, li l-Kunsill jara jekk dawn il-lezzjonijiet jistghux isiru fil-Knisja kif ukoll li l-Kunsill jistaqsi lill-Knisja kemm tkun l-ispiza ghall-uzu tas-sala. Il-kelliema pproponiet li eventwalment tintbaghat cirkulari lir-residenti kollha tal-lokal.

6.124. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.125. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6293/11/I** 25/10/2011 Email minghand is-Sindku Joe Zammit jinforma lill-Kunsill li b'effett minn Ottubru 2010 ser ikun qed jirrinunzja mill-Onorarja sakemm jintlahaq l-ammont dovut lura lill-Kunsill abbazi taz-zieda li kienet ittiehdet zejda lura fl-2010 fuq struzzjonijiet li kienu nhargu dak iz-zmien mid-DLG.

6.126. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6293/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6294/11/I** 25/10/2011 Email minghand Ms. Janet Ellul Robinson titlob lill-Kunsill biex kif indikat minn TM f'e-mail mibghuta lilha, il-Kunsill jara li jsiru l-yellow lines fil-kantunieri.

6.127. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6294/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jsiru d-double yellow lines kif ukoll li tintbaghat cirkulari lir-residenti li l-garaxxijiet residenzjali iridu jkunu qed jintuzaw bhala garaxx biex ikun hemm kaxxi sofor quddiem inkluz ukoll li dan ma jfissirx li r-resident ghandu parkegg riservat quddiem il-garaxx taghhom. Il-kelliema ipproponiet ukoll li fejn ma jkunx hemm spazju ghall-parkegg ta' karozzi minhabba li l-ispazju jkun limitat, ghandhom isiru spazji ghall-parkegg ta' muturi.

6.128. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li l-Kunsill ghandu jitlob l-assistenza tas-sur Joe Brincat minn TM dwar il-marki ta' double yellow lines fil-kantunieri.

6.129. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6302/11/I** 25/10/2011 Email minghand Transport Malta fejn qed jindikaw li s-servizz bejn Pembroke u l-Belt ser ikun kull 12 il-minuta permezz tan-numru 13 kif ukoll li r-rotta ser tghaddi minn Triq il-Profs. Walter Ganado.

6.130. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6302/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill lest li jaccetta s-servizz kif ser jigi ntrodott izda l-Kunsill ghandu jibqa' jinsisti li r-rotta lejn il-Belt ghandha tkun abbazi tar-rotta l-antika 66.

6.131. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.132. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsillieri ghall-Minuti ta' dawn il-Kumitati Kongunti fejn fl-ahhar laqgha gew diskussa l-financial audited reports tas-sena 2009 fejn il-Kumitat Kongunt, li l-Kunsill jaghmel parti minnu, irregistra € 91,000 li ma jidhrux fil-kotba. Il-kelliem qal li fil-laqgha qam il-punt ta' x'jista' jkun il-fattur ghaliex dawn ma jidhrux fl-accounts. Intant il-kelliem qal li fil-laqgha kien hemm qbil, li wara li jitlesta r-rapport tal-Kumitati Kongunti l-ohra, ser issir talba lill-Awditur Generali u lill-Ministeru biex issir investigazzjoni ta' x'wassal biex dawn il-flejjes tal-Kumitati u ohrajn ma jidhrux. Il-kelliem qal li fl-istess laqgha kien hemm qbil unanimu biex isir Audit report tas-sena 2010.

7.02. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kumitat Regjonali issa qed jiffunzjona b'effett mill-1 ta' Settembru 2011, f'dak li ghandu x'jaqsam LES.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kienux tresqu proposti mill-Kunsillieri biex isiru attivitajiet taht dan l-item ghajr dawk li diga huma approvati mill-Kunsill fil-laqghat precedenti.

## 10. Decizjoni dwar Tenders 05 sa 11/2011 u kwotazzjonijiet 26 sa 31/2011.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li wara l-laqgha li saret mad-Direttur tad-DGL, il-konkluzjoni kienet li d-direttiva tad-Dipartiment harget bi dritt legali u fl-interess tal-Kunsill fic-cirkostanzi, kif apparentament qed tinhareg lil kull Kunsill li jsib ruhu f'sitwazzjoni ta' allegat tbabiz u preferenzi. Ghalhekk, il-kelliem qal li meta ghalqu l-offerti, it-tender box giet issigillata sakemm jigi deciz meta ser jinfethu l-offerti. Il-kelliem qal li fil-laqgha li saret fil-prezenza ta' l-Avukat tal-Kunsill irrizulta li d-decizjoni tad-Dipartiment kienet legali u ghaldaqstant ippropona biex it-tenders/kwotazzjonijiet tat-tieni tefa' li ghalqu nhar l-Erbgha 19 ta' Ottubru 2011 ghandhom jinfethu nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru 2011 fl-10.00am. Il-kelliem ippropona wkoll li kull min tefa' l-offerta, ghandu jigi nfurmat b'dan.

10.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.04. Is-Sindku Joe Zammit qal li fil-laqgha mad-Direttur tad-DLG huwa kien staqsa jekk il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jistax jattendi ghall-ftuh tat-tenders u r-risposta kienet l'ikun ghaqli li le, izda jekk irid, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jista' jattendi basta jaghmel parti mill-udjenza u mhux jiffirma fuq id-dokumenti u dan in vista tal-parir mahrug mill-Avukat Generali.

## 11. Rizoluzzjoni specjali 03/2011 – Proġett ENVOY.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta Rizoluzzjoni Specjali 03/2011 **(Ara dok O)** fejn ippropona l-approvazzjoni taghha billi l-Kunsill japprova li fuq il-progett ENVOY, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat tkun akkumpanjata mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghas-sessjoni li ser issir bejn l-4 u t-8 ta' Novembru fi Sqallija kif ukoll li l-Kunsill japprova n-nefqa dovuta biex it-tnejn jinghataw is-subsistence allowance skond ir-regolamenti.

11.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

11.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fuq dan il-progett ser ikun hemm laqghat u safar iehor fix-xhur li gejja u ghalhekk il-Kunsill irid jiehu nota ta' spejjez ohra li jista' jkun hemm il-quddiem.

## 12. Approvazzjoni tal-kontijiet.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dok. Q, R u S)**

12.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati ghajr tas-sur Ronald Bezzina (Servizz tal-bowser) sakemm jipprovdi l-informazzjoni mitluba mill-Kunsill skond l-ahhar laqgha u eventwalment jerga' jitressaq fil-laqgha li jmiss.

12.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghamlet riferenza ghall-offerta li kien rebah is-sur Carmel Mazzitelli 01/2011 - Removal and Cart Away of Palm Trees, fejn ipproponiet li l-Kunsill ghandu jivverifika mad-Dipartiment tal-Kuntratti dwar jekk haddiem li jkun jahdem mal-Gvern, jistax ikollu kuntratt mal-Kunsill u jekk jirrizulta fin-negattiv, il-Kunsill ghandu jinforma lis-sur Mazzitelli li t-tender mhux ser jigi ffirmat.

12.06. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.08. Dwar il-kontijiet tas-sur Ronald Bezzina qamet diskussjoni bejn il-membri prezenti. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jitlob il-parir ta' l-Avukat tal-Kunsill dwar x'jista' jaghmel il-Kunsill jekk jibqa' minghajr risposta minghand il-kuntrattur.

12.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13. Materji ohra.

13.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill l'issa li Triq Arnhem m'ghadiex tintuza bhala venda tal-karozzi tal-linja, u ghalhekk staqsa jekk wasalx iz-zmien li jitnehhew il-marki relatata u minflok, bl-approvazzjoni ta' TM isiru parking bays normali. Il-kelliem irrakkomanda wkoll li jigu rrangati tabelli tat-traffiku li hemm nieqsa fl-istess triq halli jigi evitat il-periklu fid-dawl li jkun hemm hafna tfal jiffrekwentaw l-akwata minhabba li fuq iz-zewg nahat hemm il-facilitajiet sportivi ta' Luxol Sports Club.

13.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jordna t-tabelli li hemm nieqsa fi Triq Arnhem kif ukoll li jitlob il-permess ta' TM biex isiru l-parking bays u jitnehhew dawk li kienu konnessa mal-venda tal-karozzi tal-linja.

13.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fi Triq Falaise ghandhom jigu nstallati tabelli li jindikaw li parti mit-triq hija Two Way kif ukoll li ghandhom jergghu jitwahhlu tabelli ohra li kien hemm fosthom tal-One Way li kienu gew vandalizzata.

13.06. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova li jsiru t-tabelli li hemm nieqsa fi Triq Falaise.

13.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jinxtraw basktijiet tax-xoqqa u flokkijiet bojod inkluz li fuqhom issir l-arma tal-Kunsill.

13.10. Is-Sindku Joe Zammit issekonda li jingabru l-kwotazzjonijiet necessarja.

13.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.12. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jinforma lir-residenti ta' Sit A Blokki 5 sa 14 bil-korrispondenza li ghaddiet bejn il-Kunsill u l-Awtorita' tad-Djar minhabba l-qtugh tad-dawl.

13.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.15. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda li l-Kunsill jirranga numru ta' globi li gew vandalizzati fil-Gnien 4 ta' Lulju minhabba li huma perikoluzi.

13.16. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill, jekk huwa possibbli, jixtri dawn il-globi direttament minghand l-impurtatur kif ukoll li tintalab kwotazzjoni ghat-twahhil taghhom.

13.17. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.19. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fil-jiem li ghaddew minhabba periklu kbir li kien hemm fil-bankina ta' Triq Gioacchino Le Brun, kienet inharget Works Order 95/2011 lill-kumpanija J&K Contractors Ltd. biex jinbidel kaptell tal-konkos kif ukoll Works Order 107/2011 lill-Mica Med Ltd. biex jigi rrangat id-dawl fi Triq Gioacchino Le Brun, Trejqet Antonio Mallia u Trejqet ir-Regimenti Maltin minhabba l'ilhom minghajr dawl ghal gimghat shah.

13.20. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova dawn ix-xoghlijiet.

13.21. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li ghandha tinhareg works order ukoll lis-sur John Pulis biex jinfethu zewg water culverts li hemm mizduda fi Triq San Patrizju quddiem Blokk 1.

13.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.23. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li meta s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien imsiefer lura f'Awwissu, kien ta struzzjonijiet lis-sur John Pulis biex tigi rrangata l-problema tad-dranagg li kien hemm fi Triq Profs Jos. E. Debono u fi Triq Patri Indri Vella, liema xoghol huwa rifless f'Works Order 106/2011. Il-kelliem ippropona l-approvazzjoni ta' dan ix-xoghol.

13.24. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.26. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li madwar il-lokal hemm diversi cnut imgarfa fosthom fejn il-Kunsill fejn sar ix-xoghol minn TM, fi Triq ir-Regimenti Maltin wara il-basketball court, fit-Triq li taghti ghall-facilitajiet sportivi ta' Pembroke Athleta, fi Triq Suffolk u kurduni fi Triq il-Mediterran.

13.27. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu johrog works order lill-J&K Contractors Ltd. biex jigi rrangat dan ix-xoghol ghajr ghall-hsarat li hemm fejn kien sar xoghol minn TM minhabba li l-Kunsill ghadu qed jinsisti li dan ghandu jsir minn TM stess.

13.28. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.30. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li fi Triq Dun Guzepp Farrugia ghandu jerga' jsir id-double yellow line wara li kien tnehha biex sar it-tarmak konness mal-Park & Ride.

13.31. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.33. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-progett tal-Park & Ride fejn informa lill-membri presenti li matul il-jiem kien hemm tgergier kbir mir-residenti li mhux isibu jipparkjaw. Wara diskussjoni mill-membri prezenti il-kelliem ippropona li jekk sa ghada l-Hamis TM ma taghmilx ix-xoghol li kellu jsir, il-Kunsill ghandu jitlob lill-kuntrattur J&K Contractors Ltd. biex ghada l-Hamis jibni hajt gholi 3 filati biex jinghalaq l-access fejn suppost kellha ssir il-barrier / grada minn TM bejn Triq Dun Guzepp Farrugia u Triq Patri Serafin Zarb kif ukoll li jigu nfurmata b'dan ir-residenti. Il-Kelliem qal li jekk TM u /jew Arriva jergghu jifthu l-parkegg biex ikun jista' jintuza minn kulhadd, il-hajt ma jsirx.

13.34. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.36. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dan ix-xoghol imur kontra l-principju li kien talab il-Kunsill biex ikun hemm dhul/hrug alternattiv minhabba li jekk jinqala' xi haga r-residenti mhux ser ikollhom minn fejn jghaddu.

13.37. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta lill-Kunsill numru ta' ritratti **(Ara dok T)** dwar hajt imgarraf fi Triq Tunis fejn ippropona li l-ahhar parti tal-hajt quddiem id-dar tal-familja Galea ghandu jigi rrangat u jinqata' l-haxix hazin li hemm.

13.38. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.39. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.40. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghamlet riferenza ghac-cwievet tal-gwiebi ta' Juno Flats fejn talbet li c-cwievet ghandhom ikunu ghand il-Kunsill.

13.41. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill l'aktar kmieni l-Kunsill kien ircieva rapport minghand is-sur Vincent Attard rapprezentant ta' l-MSA fejn informa lill-Kunsill li l-giebja li hemm fil-Gnien 4 ta' Lulju kienet miftuha u perikoluza u talab li tinghalaq b'effett immedjat. Il-kelliem qal li fil-fatt inxtara katnazz u twahhal ftit tal-hin wara.

13.42. Wara diskussjoni li saret, is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghandhom jinbidlu l-katnazzi kollha tal-bjar li hawn fil-lokal u li l-Kunsill jaf bihom u fl-istess hin f'kull horza ghandu jkun hemm toqba/fetha biex min jixtieq, ikun jista' jiehu l-ilma biex isaqqi billi jnizzel pajp minnha. Il-kelliem ippropona li dan ix-xoghol biex isiru it-toqob/fethietghall-bjar ghandu jsir mill-kuntrattur J&K Contractors Ltd. Il-kelliem ippropona wkoll li huwa mportanti li c-cwievet ta' dawn il-gwiebi m'ghandhomx jinhargu mill-Kunsill, l-anqas mill-Kunsilliera jekk mhux fil-prezenza tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u dan halli ma jkunx hemm cwievet jigru ghand in-nies.

13.43. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.44. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.45. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-polza ta' l-assigurazzjoni ser tiskadi fl-ahhar ta' Dicembru 2011.

13.46. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill johrog sejha ghall-kwotazzjonijiet ghall-polza t'assigurazzjoni.

13.47. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.49. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li kemm il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kif ukoll is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandhom ghas-spejjez tal-Kunsill ikollhom polza t'assigurazzjoni waqt il-mawra li ser issir fi Sqallija fuq il-progett ENVOY.

13.50. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.51. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.52. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet biex il-Kunsill jitlob laqgha ma' l-enforcement officer tal-MEPA biex jintalab parir dwar livelli ta' bankini u outcrops quddiem id-djar tal-lokal minhabba li thoss li huma ta' periklu ghal min jaghmel uzu mill-bankina.

13.53. Il-Kunsillier Joe Brincat talab li tigi rrangata struttura tal-gebel fi Triq San Patrizju li fil-passat kienet tintuza bhala telephone box.

13.54. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jara jekk din l-istruttura hijiex ta' valur storiku u jekk iva ghandha tigi restawrata u uzata b'xi mod.

13.55. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

13.56. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.57. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fid-9.23pm wara li fakkar lill-Kunsilliera li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 16 ta' Novembru fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |